MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 314/2000/1

**Godfrey Ciangura**

**vs**

**Thomas C. Smith Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta estera Siat Socjeta Italiana Assicurazzjoni e Riassicurazioni**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kien xtara dghajsa tat-tip Speedcraft bin-numru ta’ registrazzjoni S-5470;

Illi fit-2 ta’ Dicembru 1998, din id-dghajsa kienet giet misruqa minn persuni injoti u baqghet ma gietx ritrovata;

Illi f’dan il-perijodu l-imsemmija dghajsa kienet assigurata mas-socjeta konvenuta nominee permezz ta’ Polza ta’ Assikurazzjoni numru zero zero tnejn disgha disgha zero zbarra wiehed disgha erbgha zbarra zero zero, wiehed (002990/194/001) li kopja taghha giet annessa u esibita u mmarkata bhala Dok.A skond kif jidher ukoll mic-Certifikat ta’ Marine Craft Insurance relattiv, li kopja tieghu giet annessa u mmarkata bhala Dok.B;

Illi s-serq tad-dghajsa kien kopert ai termini tal-paragrafu (c) ta’ l-Ewwel Sezzjoni tal-Polza ta’ Assikurazzjoni relattiva, kif interpretata mill-iStandard Extension konsistenti fit Transit Clause, riportati a fol.4 u 7 rispettivament ta’ istess Polza;

Illi skond kif jidher mill-iskeda relattiva ghall-istess kuntratt ta’ assikurazzjoni, li kopja taghha hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok.C. l-imsemmija dghajsa kienet tiswa’ erbat elef u hames mitt liri maltin (Lm4500);

Illi ghaldaqstant is-socjeta konvenuta nomine hija obbligata illi tindennizza lill-attur ghat-telf minnu soffert billi teffettwa l-pagament ta’ erbat elef u hames mitt lira maltin (Lm4500) dovuti kif fuq premess;

Illi minkejja illi giet interpellata ripetutament sabiex tonora dan l-obbligu taghha anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru 1999, kopja taghha hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok.D, is-socjeta konvenuta nomine baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta konvenuta nomine tghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjarha responsabbli, ai termini tal-kuntratt ta’ assikurazzjoni relattiv, illi tindennizza lill-attur ghat-telf minnu soffert, konsitenti fis-serq ta’ dghajsa tat-tip Speedcraft bin-numru ta’ registrazzjoni S-5470 kif fuq premess;

2. tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta nomine illi thallas lill-attur is-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira maltin (Lm4500), jew somma ohra verjuri, lilu dovuta in linea ta’ indennizz, kif fuq premess occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

Bl-ispejjez u interessi legali mill-ittra ufficjali ta’ 1-4 ta’ Ottubru 1999 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta nomine li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta nomine fejn gie ecepit preliminarjament l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-polza billi l-allegat telf sehh fit-2 ta’ Dicembru 1998 u l-kawza giet presentata bis fis-7 ta’ Frar 2000 u cioe ghaddew ikatar minn tnax il-xahar mid-data tal-allegat akkadut sa meta inbiet l-azzjoni u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attur jrid jipprova li l-allegata serqa saret tassew u li l-valur allegat tad-dghajsa hi korretta;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat l-affidavit ta’ Emmanuel sive Leli Attard presentat mill-attur;

Semghat ix-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet lill-attur u lix-xhud Emmanuel Attard in kontro-esami;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta;

Rat l-affidavit ta' Joseph Cassar presentat mis-socjeta konvenuta;

Semghet lix-xhud Joseph Cassar in kontro-esami;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota responsiva tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li huwa kien sid tad-dghajsa tat-tip Speedcraft bin-numru ta' registrazzjoni S-5470. Ikompli jippremetti li fit-2 ta' Dicembru 1998 l-imsemmija dghajsa giet misruqa minn persuni injoti u qatt ma nstabet u li l-istess dghajsa kienet assigurata mas-socjeta konvenuta nomine. L-attur inoltre jippretendi li s-serq tad-dghajsa kien kopert mill-imsemmija assikurazzjoni u li l-istess dghajsa kienet tiswa' erbat elef u hames mitt liri maltin (Lm4500). Jippretendi ukoll li s-socjeta konvenuta nomine hi obbligata li tindennizzah ghat-telf tad-dghajsa u ghalhekk jippretendi li s-socjeta konvenuta ghandha thallsu l-imsemmija somma, izda is-socjeta konvenuta qed tirrifjuta li tghamel hekk. Ghalhekk l-attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta nomine tigi dikjarata responsabbli li tindennizzah ghall-imsemmi telf minnu soffert u li l-istess socjeta konvenuta nomine tigi kundannata thallas lill-attur l-imsemmija somma, jew somma ohra verjuri, in linea ta' indennizz;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta nomine qed teccepixxi, preliminarjament, li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-polza. F'dan ir-rigward l-istess socjeta konvenuta ssottomettiet li l-allegat telf sehh fit-2 ta' Dicembru 1998 u l-kawza giet presentata biss fis-7 ta' Frar 2000 u cioe ghaddew ikatar minn tnax il-xahar mid-data tal-allegat akkadut sa meta inbiet l-azzjoni u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Fil-meritu s-socjeta

konvenuta qed teccepixxi li l-attur jrid jipprova li l-allegata serqa saret tassew u li l-valur allegat tad-dghajsa hu dak korrett;

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-socjeta konvenuta nomine tghamel referenza ghal-klawsola 8 tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva li tipprovdi testwalment – "In no case whatever shall the Company by liable for any loss or damage after the expiration of twelve months from the happening of the loss or damage unless the claim is the subject of a pending legal action or arbitration". F'kazijiet bhal dan in esami, skond il-ligi, hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-imsemmija klawsola 8 tal-polza ta' assikurazzjoni tistabbilixxi terminu ta' preskrizzjoni differenti minn dak lit rid il-ligi u timplika rinunzja tal-imsemmija preskizzjoni applikabbli skond il-ligi. Tali rinunzia hi irregolari u illegali skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2108 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk id-disposizzjonijiet in kwestjoni tal-polza ta' assikurazzjoni mhux applikabbli u huma evidentement applikabbli id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz jidher li t-terminu ta' sena, invokat mis-socjeta konvenuta gie interrot permezz ta' l-ittra ufficjali pprezentata mill-attur kontra l-istess socjeta konvenuta fl-4 ta' Obbutru u 1999. Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta nomine ma tista qatt tigi akkolta;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta nomine mhux qed tikkontesta l-pretensjoni tal-attur li s-serq tad-dghajsa hu kopert mill-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni. In effett l-istess socjeta' konvenuta qed tikkontesta l-fatt jekk id-dghajsa nsterqitx jew le u qed tikkontesta l-valur ta' Lm4500 kif pretiz mill-attur;

Hu l-attur li qed jippromuovi l-azzjoni u li qed jippretendi li d-dghajsa tieghu nsterqet. Ghalhekk, fl-ewwel lok, hu l-attur li ghandu jipprova sufficjentement li d-dghajsa verament insterqet fil-gurnata tat-2 ta' Dicembru 1998. F'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta ssostni li l-versjoni

tal-attur tal-allegata serqa mhix kredibbli u hi kontradetta mix-xhieda;

L-attur fl-affidavit tieghu jghati rendikont ta x'gara fil-gurnata in kwestjoni. L-attur ikkonferma li hu dilettant tal-kacca u li kien juza d-dghajsa in kwestjoni appuntu sabiex imur ghal kacca fuq il-bahar. Ghalhekk kif kien jghamel ta' spiss fl-istagun tal-kacca, huwa kien ftihem ma siehbu Leli Attard biex, fil-gurnata in kwestjoni, kmieni filghodu, huma t-tnejn imorru ghal kacca fuq il-bahar bid-dghajsa in kwestjoni tal-attur. Kull meta kienu jmorru ghal kacca kull darba l-attur u l-imsemmi habib tieghu kienu jiltaqghu kmieni filghodu hdejn il-garage ta' omm l-attur, fejn l-istess attur kien izomm id-dghajsa. Leli Attard kien jghin lill-attur johrog l-istess dghajsa mill-garage u wara kienu jmorru separatament, cioe' kull wiehed bil-vettura rispettiva tieghu, lejn ix-Xemxija. Id-dghajsa kienet tkun fuq karru migbuda mill-van tal-attur. Kull darba l-attur, fi triqtu lejn ix-Xemxija, kien jieqaf Burmarrad fil-Panorama Bar biex hemm jiehu te' u hobza, kif ukoll jixtri xi ftit hobz li kien jikkonsma waqt il-kacca. Da parti tieghu Attard, kull darba, kien jibqa sejjer ix-Xemxija u hemm jistenna lill-attur jasal. Attard kien jiehu ikel li kienet tlestilu l-mara tieghu. Dan kollu gara ukoll fil-gurnata in kwestjoni, cioe' fit-2 ta' Dicembru 1998;

Fl-istess gurnata in kwestjoni l-attur dahal fl-imsemmi bar, wara li pparkeggja l-van bid-dghajsa ftit metri l-boghod mill-istess bar. Wara li xorob it-te', u cioe' wara xi hmistax (15) il-minuta, huwa hareg mill-istess bar u sab biss il-vann ipparkjat fejn kien hallih izda minghajr id-dghajsa. L-attur nnota mill-ewwel li l-katnazz, li kien qed jorbot id-dghajsa mal-karru tal-vann, kien imkisser. Minnufih l-attur, bil-van tieghu, mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar pero' sabha maghluqa u ghalhekk mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, minn fejn bghatuh l-Ghassa tal-pulizija tal-Mosta. Qabel ma mar il-Mosta, nizel ix-Xemxija sabiex jghid lill siehbu Leli x'kien gara. Fil-fatt Leli mar mieghi l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta. Hemmhekk sar rapport lis-Surgent 139 Ronnie Azzopardi, li sussegwentement mar mal-attur, bil-van tal-attur, fil-Panorama Bar fejn tkellem mas-sid tal-istess bar u

ghamel tfittxija f'dawk l-inhawi. Fil-fatt instab il-katnazz, li deher li kien gie maqtugh b'sega. Dan instab ma' l-art in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm il-bar in kwestjoni. Dak inhar stess l-attur ghamel il-claim mas-socjeta konvenuta assikuratrici, li pero' rrifjutat li tindennizza lill-attur ghat-telf tad-dghajsa. Is-socjeta assikuratrici allegat li mhux veru li d-dghajsa kienet insterqet. Nonostante dan kollu l-attur pero' sostna li s-socjeta konvenuta offriet li thallas lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) bhala kumpens ghat-telf tad-dghajsa. L-attur, da parti tieghu, ma accettax;

L-attur jikkonferma ukoll li kien xtara d-dghajsa in kwestjoni ghal habta ta' April 1998 bil-prezz ta' erbat elef liri maltin (Lm4000) u li assikura l-istess dghajsa, flimkien ma' l-outborad motor taghha, mas-socjeta konvenuta u dana ghas-somma ta' erbat elef u hames mitt lira maltin (Lm4500) u dan ovvjament bl-accettazzjoni tas-socjeta konvenuta. Huwa qal ukoll li kien hallas circa Lm1000.ghal hsarat li sviluppaw fil-magna. Huwa ghamel claim biex huwa jigi rifuz mill-assikurazzjoni, li pero' ukoll ma accettatx dan il-claim;

Kemm Leli Attard kif ukoll P.S. 139 Ronnie Azzopardi sostanzjalment ikkonfermaw dak li qal l-attur. PS Azzopardi zied jghid li fil-Panorama Bar huwa tkellem mas-sid tal-bar li kkonfermalu li, dak in-nhar, l-attur kien dahal biex jiehu xi haga mill-bar. L-istess sid tal-Panorama Bar kien qallu pero' li ghar-rigward tas-serq tad-dghajsa huwa ma kien ra u ma kien sema' xejn. Is-sid tal-bar kien ikkonferma li l-attur dam fil-bar xi 20 minuta u ikkonferma ukoll li l-attur wara li hareg mill-bar rega dahal u qallu li xi hadd kien seraqlu d-dghajsa. PS Azzopardi esebixxa il-katnazz in kwestjoni (Dokument AX1) u esibixxa ukoll l-okkorrenza relattiva (Dok AX2);

L-attur ikkonferma ukoll li fil-gurnata in kwestjoni, meta dahal fil-Panorama Bar biex jiehu xi haga, huwa halla l-van bic-cavetta go fih u kellu wkoll is-snieter fuq is-seat ta' wara tal-van. Minn hadlu l-karru bid-dghajsa pero' ma mixx la l-van u lanqas is-snieter;

Kuntrarjament ghal dak li qed issostni s-socjeta konvenuta nomine, l-Qorti thoss li l-versjoni tal-attur ta’ kif sehhet is-serqa hi kredibbli u mhux kontradetta mix-xhieda. Hu ghal kollox verosimili li in effett il-fatti sehhew kif irrakkonthom l-attur. In vista tal-cirkostanzi rizultanti hu kredibbli li xi hadd injot segwa l-passi tal-attur u nnota li l-attur kien jghamel dejjem l-istess affarijiet meta kien imur ghal-kacca fuq il-bahar. Dan il-xi hadd injot ghalhekk kien jaf li kien ser ikollu l-hin kemm l-attur idum fil-bar in kwestjoni (15 sa 20 minuta) biex fih iqaccat il-katnazz li kien jorbot il-karru mal van u jorbot l-istess karru ma vettura ohra u jibqa sejjer fi triqtu. Operazzjoni din li b’kollox setghet hadet ftit minuti. Barra minn hekk, kif gia gie rilevat, ix-xhieda sostanzjalment ikkonfermaw il-versjoni li jghati l-attur;

L-uniku xhud li pproduciet is-socjeta konvenuta, cioe’ s-surveyor imqabbad minnha stess Saviour Ellul, qal li kellu dubji dwar il-veracita’ ta’ dak li kien qed jghid l-attur peress li ma kien hemm hadd li seta’ jikkonferma illi d-dghajsa kienet qieghda barra l-bar in kwestjoni u li kienet fil-fatt ittiehdet minn terzi. Dan in effett hu minnu, pero’ l-fatt li hadd iehor, barra l-attur, ma kkonferma li d-dghajsa thalliet barra l-bar in kwestjoni ma jfissirx awtomatikament li l-fatti in kwestjoni kif sostnihom l-attur mhux veritjeri;

Inoltre f’dan ir-rigward l-imsemmi Leli Attard ikkonferma li fil-gurnata in kwestjoni huwa kien qed isuq wara l-attur, sakemm dan tal-ahhar wasal f’Burmarrad, fejn hemm il-bar in kwestjoni u fejn l-attur waqaf bil-van u l-karru tieghu;

Jekk kien hemm xi diskrepanzi f’dak li qal l-attur meta saret il-claim relattiva dan ma jfissirx li l-versjoni li ta’ l-attur mhux vera. Dan il-claim sar fl-istess gurnata li fiha sehh l-incident in kwestjoni u jista jkun li l-attur kien xi ftit kondizzjonat b’dak li kien gara aktar kmieni. Inoltre jirrizulta li l-claim inkitbet effettivament minn impjegati tas-socjeta konvenuta. Ovvjament tnizzel dak li kien qed jghid l-attur u inoltre intuzat il-lingwa ingliza. F’dan ir-rigward ma jistax jigi eskluz li in effet tnizzlu fatti fil-claim skond dak li kien qed jifhem l-impjegat li kien qed jiktibha;

In vista ta dak kollu li gie premess ghandu jinghad li l-pretensjonijiet tal-attur jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk is-socjeta konvenuta nomine ghandha titqies li hi responsabbli li tindennizza lill-attur ghat-telf tad-dghajsa u dana skond il-polza ta'assikurazzjoni relattiva. Jirrizulta li d-dghajsa bil-mutur b'kollox kienet assikurata mas-socjeta konvenuta nomine ghas-somma ta' erbat elef u hames mitt liri maltin (Lm4500) u ghal liema somma l-istess socjeta konvenuta accettat li tassikura d-dghajsa tal-attur. Jidher li d-dghajsa gie valutata mis-socjeta konvenuta, fl-imsemmija somma. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta li dan l-ammont hu wiehed ragjonevoli u inoltre s-socjeta konvenuta ma pproduciet l-ebda prova f'dan ir-rigward;

Finalment ghandu jigi rilevat li d-dghajsa qatt ma nstabet wara l-incident in kwestjoni u li s-socjeta konvenuta stess thoss li l-posizzjoni taghha hi xi ftit dghajfa stante li hi offriet somma bhala indennizz, liema offerta pero' ma gietx accettata;

Fid-dawl ta dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta nomine jisthoqq li jigu rigettati u konsegwentement, peress li t-talbiet tal-attur jirrizultaw sufficjentement pruvati, it-talbiet kollha attrici jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta nomine u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kolha attrici u tiddikjara li s-socjeta konvenuta nomine hi responsabbli, ai termini tal-kuntratt ta' assikurazzjoni relattiv, illi tindennizza lill-attur ghat-telf minnu soffert, konsitenti fis-serq ta' dghajsa tat-tip Speedcraft bin-numru ta' registrazzjoni S-5470 kif fuq premess u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta nomine li thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira maltin (Lm4500) in linea ta' indennizz u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------